

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12704/25

LIMITE

IA 122
BETREG 30

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Simplifikazzjoni: Rapport ta' Progress Annwali dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar – progress lejn it-tnaqqis ta' 25 % tal-piżijiet għan-negożji - Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI

Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività

Brussell, 29 ta' Settembru 2025

Simplifikazzjoni: Rapport ta' Progress Annwali dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar – progress lejn it-tnaqqis ta' 25 % tal-piżijiet għan-negozji

Fid-dikjarazzjoni ta' Budapest tat-8 ta' Novembru 2024, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern appellaw għal "rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni" biex jinħoloq qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti għan-negozji u jitnaqqsu drastikament il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ lill-koleġislaturi jsostnu l-momentum fuq l-aġenda ta' simplifikazzjoni u jadottaw malajr il-pakketti ta' simplifikazzjoni. Il-konklużjonijiet inkludew appell lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi biex jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi matul iċ-ċiklu ta' politika u dak leġiżlattiv.

Biex insaħħu n-negozji tagħna u nsaħħu l-kompetittività, hija meħtieġa azzjoni fiċ-ċiklu ta' politika kollu: mill-iżvilupp ta' politika u leġiżlazzjoni ġodda, għat-twettiq ta' implimentazzjoni u infurzar effettivi, u għas-simplifikazzjoni jew it-tnaqqis tal-piżijiet mir-regoli eżistenti. It-Triju ta' Presidenzi impenja ruħu li jwassal għal tnaqqis tal-piżijiet fuq perjodu ta' żmien twil u qasir. L-għan huwa li r-Regolamentazzjoni Aħjar issir realtà permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa tal-leġiżlazzjoni, ta' progress fin-negozjati tal-proposti ta' simplifikazzjoni, u ta' żamma ta' enfasi konġunta fuq it-tnaqqis tal-piżijiet bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dan l-impenn, il-Kunsill Kompetittività ser jorganizza sessjoni ta' politika dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet.

Is-simplifikazzjoni tar-regoli eżistenti u l-evitar ta' piżijiet mhux meħtieġa fil-futur

Il-Kummissjoni stabbiliet mira li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'mill-inqas 25 % għall-kumpaniji kollha u 35 % għall-SMEs¹. Biex tilħaq din il-mira, sa mill-bidu ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ressqet sitt pakketti Omnibus bil-ħsieb li tissimplifika u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għan-negozji. Dawn il-proposti waħedhom huma mistennija li jġibu mill-inqas EUR 8.6 biljun fi ffrankar amministrattiv annwali u huma mistennija pakketti ulterjuri.

Biex verament jintlaħqu l-miri tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet, is-simplifikazzjoni tar-regoli eżistenti mhux ser tkun biżżejjed. Biex dan jiġi ssupplimentat, huwa essenzjali li jinżammu implimentazzjoni u infurzar xierqa biex jiġu minimizzati l-piżijiet introdotti f'dawk l-istadji taċ-ċiklu ta' politika. Biex jappoġġa din id-diskussjoni, il-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u l-Istrateġija Industrijali, Stéphane Séjourné, ser jippreżenta r-Rapport ta' Progress Annwali tiegħu dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar.

Fl-istess ħin, huwa ta' importanza kbira li fl-istess ħin nevitaw l-introduzzjoni ta' piżijiet ġodda bla bżonn. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Kompetittività jista' jieħu rwol attiv bħala l-Kunsill responsabbli għat-titjib tal-ambjent tan-negozju u r-regolamentazzjoni aħjar.

B'mod parallel mal-isforzi ta' simplifikazzjoni, għadha qed tiġi abbozzata leġiżlazzjoni ġdida – u f'xi każijiet onerużi. Mill-proposti akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt, bejn EUR 71 biljun u

¹ Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, pp. 6-7 (ST 6198/25).

EUR 86 biljun f'piżijiet *annwali rikorrenti* u madwar EUR 65 biljun fi *spejjeż ta' darba* huma mistennija mill-proposti leġiżlattivi attwali li qed jiġu diskussi fil-formazzjonijiet tal-Kunsill. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li dawn l-istimi għandhom limitazzjonijiet, peress li l-valutazzjonijiet tal-impatt individwali jistgħu jiddependu fuq suppożizzjonijiet differenti, inkluż xenarji bażi, metodi (mudelli ta' induzzjoni), data, miżuri ta' bidliet fil-benessri u għad hemm għadd ta' proposti mingħajr valutazzjonijiet tal-impatt. Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, in-numri jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-implikazzjonijiet tal-kostijiet tal-fluss tar-regolamentazzjoni tal-UE attwalment ippjanata – speċjalment fid-dawl tal-isforzi biex jitnaqqsu l-piżijiet.

Għall-proposti taħt il-Kunsill Kompetittività b'valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjawhom dan jammonta għal madwar EUR 4 biljun f'piżijiet *annwali rikorrenti* u madwar EUR 2.5 biljun fi *spejjeż ta' darba*.

Filwaqt li ħafna minn dawn il-piżijiet huma ġustifikati, peress li sett uniku ta' regoli komuni jgħin biex jitnaqqsu l-ostakli għan-negozji, l-effett kumulattiv tagħhom xorta waħda joħloq sfida għall-kompetittività ġenerali tagħna.

Il-Presidenza ser tistieden lill-Viċi President Eżekuttiv, il-Kummissarju Séjourné, biex jirrifletti dwar dan u biex jippreżenta l-viżjoni tal-Kummissjoni biex nimxu 'l quddiem fil-qasam ta' politika tal-Kunsill Kompetittività.

L-Istati Membri mistiedna jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet dwar żewġ kwistjonijiet ewlenin:

- *Liema għodod jippermettulna nsibu l-aħjar bilanċ bejn l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni għida meħtieġa u l-evitar tal-ħolqien ta' piżijiet amministrattivi bla bżonn għan-negozji?*
- *X'jista' jagħmel il-Kunsill Kompetittività nnifsu biex jiżgura li r-regoli l-ġodda jkunu xierqa u proporzjonati għall-oġettivi tal-leġiżlazzjoni?*